MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 36/1998/1

Peter Paul Falzon .

vs

Herbert Camilleri .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar, tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), fi Triq Fortunato Mizzi, fil-Victoria Ghawdex, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBF 709 u tal-marka Renault appartenenti lil Concetta Camilleri u misjuqa mill-konvenut Herbert Camilleri, u l-vettura bin-numru tar-registrzzjoni CBC 092 u tal-marka Isuzu misjuqa mill-attur u ta' liema incident inti konvenut

kont unikament responsabbli minhabba imperizji, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tnejn (2) ta' Marzu, 1997, u dikipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u mibghuta lill-assikurazzjoni tieghek . Bl-imghaxijidet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni debitament imharrek .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, peress illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort ta' l-attur Peter Paul Falzon minhabba imperizja, traskuragni grassa u nuqqas ta' osservanzza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attur .
2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe interessi li jistghu jiddekorru ghandhom jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali u mhux mid-data ta' l-incident .

3. Illi ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti, sew f'din il-kawza, kif ukoll fil-kawza konnessa Avviz Nru. 50/98 li tittratta l-istess incident stradali .

Ikkunsidrat :

Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet bejn *pick-up truck* misjuq mill-attur u karozza misjuqa mill-konvenut fit-triq ewlenija tar-Rabat . L-attur kien qed isuq fid-direzzjoni ta' l-Imgarr, filwaqt illi l-konvenut kien qed jaghmel manuvra ta' U-turn fid-direzzjoni tac-centru tar-

Rabat, wara li kien ipparkjat fil-gemb tat-triq quddiem l-iskejjel sekondarji, bil-karozza tieghu thares fid-direzzjoni ta' l-Imgarr .

L-attur qal li huwa kien ghaddej fi Triq Fortunato Mizzi fid-direzzjoni ta' l-Imgarr meta f'daqqa wahda l-konvenut, ghamel U-turn u mblukkalu t-triq . Biex jipprova jiskapulah,huwa gibed ghal-lemin tieghu, imma l-konvenut baqa' sejjer u saret il-habta.[1]

Il-konvenut da parti tieghu stqarr illi qabel ma beda jdawwar, hares fiz-zewg direzzjonijiet. Minn naha tax-Xewkija ma kien gej xejn, u minn naha tar-Rabat lemah it-*truck* ta' l-attur, li pero' kien jidher ghadu 'l bohod bizzejjed biex jippermettilu jilhaq jaghmel il-manuvra tieghu, anke ghax dak il-hin kienet niezla x-xita . Allura beda jaqsam u x'hin qabez il-linja ta' nofs it-triq, minghajr ma lahaq dawwar kompletament, jilmah il-vettura ta' l-attur, gejja b'velocita' qawwija, u titkaxkar fuq il-*brake* fid-direzzjoni tieghu . Kif ra dan, huwa pprova jaccellera l-velocita' tal-karozza tieghu f'tentattiv li jevita l-habta imma inutilment [2].

Mill-okkorrenza relattiva jidher illi lis-surgent John Grima, li nvestiga dan l-incident, *a tempo vergine,* il-konvenut qal illi :
"*He was parked at Fortunato Mizzi Street facing Xewkija and on making a U-turn to turn his direction, CBC 092 which was proceeding towards Xewkija dashed onto his Right Door*." L-attur da parti tieghu stqarr illi "*He was proceeding along Fortunato Mizzi Street towards Mgarr Road, when all of a sudden his way was obstructed by FBF 709 which was making a U-turn*."[3]

Mill-iskizz redatt mill-istess surgent[4] jidher illi :

(i) il-vettura ta' l-attur qghedha bin-naha ta' wara tal-lemin taghha 'l gewwa mill-karreggjata tal-vetturi

---

[1] Ara deposizzjoni ta' l-attur a fol. 17 - 19 tal-process 50/1998 .
[2] ara affidavit tal-konvenut a fol. 9 - 10 .
[3] Dok. JG. 2 a fol. 14 tal-process 50/1998 .
[4] Dok. JG.1 a fol. 12 ta' l-istess process .

gejjin mid-direzzjoni opposta; tidher ukoll li ghandha daqqa fuq il-kantuniera tal-lemin ta' quddiem ;

(ii) il-vettura tal-konvenut tidher ghal kollox fuq il-karreggjata ta' min ikun sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat; ghandha daqqa fuq in-naha ta' wara tal-gemb tax-xuffier ;

(iii) ma tirrizulta ebda *spot of impact* u lanqas *brake marks* ma thallew mill-vetturi nvoluti ;

(iv) it-triq hija maqsuma bi *broken white line* .

Huwa ammess mill-istess konvenut illi huwa kien qed jittenta jaghmel *U-turn* . Manuvra simili fi triq traffikuza hija dejjem wahda perikoluza, u wiehed ghandu jirrikorri ghaliha f'kazijiet ta' neccesita' biss.[5] M'hemmx dubbju illi t-triq fejn sehhet din il-kollizjoni hija l-iktar triq traffikuza gewwa Ghawdex . Il-fatt li dak il-hin ta' l-incident kienet ukoll niezla x-xita, kien jirrendi l-manuvra tal-konvenut ferm aktar perikoluza . Huwa minnu illi l-*broken white line* f'nofs it-triq kien jippermetti li ssir tali manuvra . Dan pero' ma jfissirx illi b'daqshekk is-sewwieq ma kellux xorta wahda jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega qabel ma jissogra jdawwar . Il-konvenut jammetti illi lemah it-*truck* ta' l-attur niezel mid-direzzjoni tac-centru tar-Rabat, imma ikkalkula li kien ghadu 'l boghod bizzejjed biex jippermettilu jilhaq jaqsam . Il-fatt li kienet niezla x-xita hadha bhala xi haga favur tieghu, ghax ippretenda illi l-attur ikun ghaddej bi *speed* moderat . Imma ma rrealizzax illi b'hekk seta' kien qed johloq ostakolu ghall-attur u ma jaghtihx opportunita' bizzejjed japplika l-*brake* fil-hin jew li l-*brakes* tal-vettura tieghu ma kienux ser ikunu daqstant effettivi fi triq imxarrba bix-xita . Il-fatt li kien lahaq qasam ghal go l-karreggjata l-ohra ma jistax jagevolah gialadarba xorta wahda rrizulta li kien ta' ostakolu ghall-attur, li f'tentattiv li jevitah, fl-emergenza subitanea li tfaccat quddiemu, gibed ghal-lemin tieghu u sabu ma' wiccu .

[5] Christoper Selvagi vs Ivo Galea : Prim'Awla : 19.6.79 .

F'tali cirkostanzi jirrizulta ghalhekk illi m'hemm xejn x'wiehed jiccensura fl-agir ta' l-attur . Ghalkemm il-konvenut jallega illi l-attur kien qed isuq b'xi velocita' eccessiva, dan ma giex ippruvat bl-ebda mod . Ghaldaqstant ghal din il-kollizjoni jahti unikament il-konvenut .

L-attur qed jirreklama in linea ta’ danni subiti fil-vettura tieghu l-ispejjez segwenti :

1. ghal *spare parts* li kien mehtieg li jinbidlu : Lm169.00 ;[6]

2. ghax-xoghol tal-*panel beater* : Lm97.75 ;[7]

- total ta’ : Lm266.75

Il-konvenut mhux jikkontesta din l-ispiza nvoluta fit-tiswija tal-vettura ta’ l-attur,[8] u ghalhekk billi l-htija ghall-incident stradali mertu ta’ din il-kawza giet allokata fuq il-konvenut wahdu, l-attur ghandu dritt jirreklama minghandu l-ammont kollu ta' danni subiti .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza, tillikwida d-danni kagunati fil-vettura ta’ l-attur fis-somma ta’ mitejn sitta u sittin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm266.75), u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-2 ta' Marzu 1997 u dik ipprezentata kontestwalment mal-kawza u mibghuta lid-ditta assikuratrici tal-konvenut, u bl-interessi fuq dan l-ammont, mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenut .

S3698Pcinf

[6] Dok. PPF2 a fol. 20 .
[7] Dok. PPF 1 a fol. 19 .
[8] ara verbal tal-partijiet tas-27.3.2003 .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------